MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2007

Numru 120/2007

**Il-Pulizija**
**(Sp. Angelo Gafa')**

**v**

**Matthew Vella ta' 19 sena bin**
**Calcedonio u Maria Assunta nee Muscat,**
**Imwieled Pieta' fl-24 ta' Lulju, 1987,**
**residenti f'144, Gagu Flats, Flat 4, Triq in-Naxxar,**
**San Gwann detentur tal-karta tal-identita'**
**bin-numru 333687 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Matthew Vella li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, f'xi perjodu bejn April

2006 u Lulju 2006, xjentement ghamel uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falza;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta'htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Fuq ammissjoni ssibu hati. Rat l-artikolu 22 tal-Kapitlu 446 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-llum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------